MALTA

ATT Nru. XXVII ta' l-1986

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1984 dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu.

ACT No. XXVII of 1986

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to amend the National Tourism Organisation Act, 1984.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.)

AGATHA BARBARA
President

1 ta' Awissu, 1986

ATT Nru. XXVII ta' l-1986

ATT biex jemenda l-Att ta' l-1984 dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1984 dwar l-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turismu, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali.

2. Minnufih wara l-paragrafu (e) ta' l-artikolu 4 ta' l-Att prinċipali għandu jiżdied dan il-paragrafu ġdid li ġej:

"(f) li tipprovdi, flimkien mal-Ministeru tat-Turismu u f'assoċjazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali tat-turismu, faċilitajiet ta' taħriġ għal persuni li jaħdmu, jew li għad ikunu jaħdmu, fl-industrija tat-turismu.".

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

3. Minflok is-subartikoli (1) u (2) ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandhom jidħlu dawn is-subartikoli ġodda li ġejjin:

"(1) Il-Bord Eżekuttiv ta' l-Organizzazzjoni jkun magħmul miċ-*chairman*, iċ-*chief executive*, is-segretarju, it-teżorier u żewġ membri maħtura mill-Ministru b'konsultazzjoni mal-Kunsill għal Ħidma fit-Turismu, żewġ membri maħtura mill-Ministru b'konsultazzjoni mal-Kumpannija Air Malta u tliet membri nominati mill-Ministru:

Iżda jekk il-Kunsill għal Ħidma fit-Turismu jiġi xolt, jew jekk għal xi raġuni ma jintlaħaqx ftehim dwar l-għażla ta' żewġ membri rappreżentanti tal-Kunsill għal Ħidma fit-Turismu, il-Ministru jista' jaħtar żewġ membri mis-settur privat li jkunu fil-kummerċ tat-turismu f'Malta.

(2) Il-membri, inkluži ċ-*chairman* u ċ-*chief executive*, iżommu l-kariga għal żmien li ma jkunx aktar minn sentejn u taħt dawk il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-ittri tal-ħatra rispettiva tagħhom, u jistgħu jinħatru mill-ġdid meta jgħaddi ż-żmien li għalih ikunu maħtura taħt dan l-artikolu.".

Emenda ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali.

4. Is-subartikolu (1) ta' l-artikolu 15 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kliem "u minn rappreżentant ta' kull waħda minn," għandhom jidħlu l-kliem "miċ-*chief executive* ta' l-Organizzazzjoni, u minn rappreżentant ta', u nominat minn, kull waħda minn,"; u

(b) minflok il-kliem "l-Assoċjazzjoni Rent-A-Car u l-Assoċjazzjoni ta' l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar," għandhom jidħlu l-kliem "l-Assoċjazzjoni Rent-A-Car, l-Assoċjazzjoni ta' l-Aġenziji ta' l-Ivvaġġar u l-Union of Government Licensed Tourist Guides,".

Emenda ta' l-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali.

5. L-artikolu 16 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) is-subartikoli (3) u (4) tiegħu għandhom jiġu rispettivament numerati mill-ġdid (4) u (5);

(b) minflok is-subartikolu (2) tiegħu għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti sabiex jippreskrivi l-ħlas addizzjonali li għandu jsir minħabba pagament tardiv ta' xi kontribuzzjoni, liema ħlas addizzjonali m'għandux ikun iżjed minn erba' darbiet daqs l-ammont ta' kontribuzzjoni li jkollha titħallas.

(3) Dawk il-kontribuzzjonijiet u ħlasijiet addizzjonali għandhom jitħallsu lill-Organizzazzjoni."; u

(ċ) fis-subartikolu (5) il-kelma "pubbliku" għandha titħassar.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 373 tat-28 ta' Lulju, 1986.

PAUL XUEREB
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati